MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 393/2007

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar is-17 ta’ Settembru tas-sena 2005 fir-Registru Pubbliku ta’ Malta hawn anness bhala Dok. A;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal;

3. Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirjiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-kontendenti

li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Illi l-kunsens tal-intimat kien vizzjat ghax ghalkemm mhux interdett jew marid b’ mohhu, ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi minhabba r-ragunijiet premessi u mhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi.

Jghid ghalhekk l-intimat ghar-ragunijiet premessi ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-17 ta’ Settembru 2005 huwa null u bla effett fil-ligi ai termini tal-Art. (1d), (1f) u (1h) tal-Att XXXVII tal-1975 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tordna li dina n-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa li huwa jaqbel illi z-zwieg ikkuntrattat minnu u mir-rikorrenti ghandu jkun dikjarat null u bla effett skond il-ligi u dan ghal ragunijiet imputabbli esklussivament lir-rikorrenti A B, liema ragunijiet jaghtu lok ghall-zwieg biex ikun dikjarat null taht l-artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ser jkun ippruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-17 ta' Settembru 2005 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f], filwaqt li dak tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [h], ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu, il-konvenut, filwaqt li jaqbel mat-talba ghan-nullita' taz-zwieg, jattribwixxi din in-nullita esklussivament lill-attrici.

**Kwadru tal-fatti**

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u taghtihom affidament.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-17 ta' Settembru 2005 meta allura l-attrici kellha 24 sena u l-konvenut kellu 27 sena u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa tlett snin. Wara konvivenza matrimonjali ta' sena u nofs, il-partijiet isseparaw. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-attrici tispjega li l-problemi matrimonjali taghhom kien jirrizalu ghaz-zmien meta kienu ghadhom gharajjes. Hija tghid li hekk kif il-konvenut kien rebah il-Mr.Malta fil-bodybuilding, dana nbidel f' certu aspett tal-karattru tieghu, fis-sens li sar izjed outgoing man-nies, u nbidel ukoll fil-konfront taghha fis-sens li hi bdiet thoss u tinduna li "ma bqajtx in-number one [tieghu]".[1] Dan gab tibdil anke minn naha taghha, bir-rizultat li, anke f' dak l-istadju tal-gherusija, ir-relazzjoni taghhom kienet qeda tibred; tant li

[1] Fol.63

l-konvenut, ftit taz-zmien qabel id-data taz-zwieg, kien issuggerixxa lill-attrici sabiex ma jizzewwgux izda jghixu fi stat ta' konkubinagg.  Haga li l-attrici kienet irrifjutat.

Illi l-attrici kienet intebhet sewwa li r-relazzjoni taghhom kienet birdet hafna, u li hi ma kienitx kuntenta bis-sitwazzjoni; izda madankokku hija xorta wahda ghaddset rasha u kkuntrattat iz-zwieg mal-konvenut.  Hija tghid "izzewwigt fuq qalbi, iva." u kompliet tispjega li "ftit xhur wara li zzewwigna, kien  jinhass l-izball beda jinhass mill-ewwel.  Hafna beda jinhass mill-ewwel."[2]

Hija tghid li kif izzewwget sar taf li l-konvenut kien jiehu hafna steroids bir-rizultat li, skond hi, kien sar aggressiv fil-konfront ta' terzi.  Kienet indunat li ma kienx ihobbha, u tirrakkonta okkazzjoni matul il-konvivenza matrimonjali fejn il-konvenut "kien gie d-dar u kien qalli 'jiena ma nafx x'irrid b' hajti aktar', qalli 'l-hajja taz-zwieg qisa ddizappuntanti, irrid inkun free, irrid inkun qisni single, qalli ma nafx.."[3]

L-attrici tghid ukoll li l-konvenut ma kienx ried tfal f' dan iz-zwieg, u di fatti l-att taz-zwieg dejjem sar bi prekawzzjoni sabiex hi ma tinqabadx tqila.  Tghid: "[il-konvenut] assolutament it-tfal ibezzghuh hafna, u ma riedx u kien ghadu ma jridx.'' u tispjega li l-att taz-zwieg "dejjem, dejjem" sar bi prekawzzjoni.

Illi l-konvenut minn naha tieghu, in sostanza jaqbel mal-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attrici.  Huwa jispjega li miz-zmien tal-gherusija r-relazzjoni taghhom kienet birdet u ma kienx hemm imhabba bejniethom;  u ghalhekk huwa kien qed ihoss certu ncertezza qabel iz-zwieg.  Tant hu hekk li xi tlett gimghat qabel iz-zwieg, il-partijiet kienu ddiskutew ir-relazzjoni taghhom, u huwa kien issuggerixxa lill-attrici sabiex jikkonvivu ghal xi zmien u mhux jizzewwgu, izda l-attrici ma kienitx accettat.  Jghid li kienu wkoll iddiskutew l-opzjoni tas-separazzjoni fil-kaz li z-zwieg taghhom ma jirnexxix.  Huwa jispjega li kien ghamel

[2] Fol.66 – sottolinear ta' din il-Qorti
[3] Fol.68

din il-proposta, "ghax diga' bdejn inhoss li l-affarijiet mhux qeghdin sew. Ghidt jekk ser nidhlu ghaz-zwieg ser ikomplu jaggravaw l-affarijiet."[4] Ir-ragunament tieghu f' dak iz-zmien kien "issa ghaddej, speci issa naraw kif jigu l-affarijiet."[5]

Huwa kkonferma li minn qabel iz-zwieg huwa ma kienx ried tfal peress li "Wahda, ghax ma bdejtx nara pozittiv fil-haga, jigifieri qisha xi haga li ser tohodli l-hin, jiena ma narax vantagg ghalija."[6]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess jirrizulta ca u manifest li dan kien zwieg destinat li jfalli mill-bidunett. Sa miz-zmien ta' l-gherusija l-partijiet kienu ndunaw li r-relazzjoni taghhom dak iz-zmien kienet birdet u li ma kienitx ser tizviluppa, izda pjuttost kienet sejra lura, tant li tlett gimgha qabel iz-zwieg il-partijiet kienu hassew il-htiega li jiddiskutu r-relazzjoni taghhom; bil-konvenut jaghmel il-proposta tal-konkubinagg, filwaqt li l-attrici ma' accettatx, u ssemmiet l-opzjoni tas-separazzjoni personali. Inoltre, jirrizulta ex admissis, u wkoll manifest mill-provi, li l-konvenut ma riedx tfal f' dan iz-zwieg.

Illi din il-Qorti tirravviza f' dan il-kaz nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq l-obbligazzjonijiet tal-hajja konjugali, senjatament dak tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Il-partijiet jidhru li ma gharrfux u ma apprezzawx l-import tal-hajja konjugali, bl-obbligi li din necessarjament timporta, u, kif jirrizulta, ma kienux lesti li jikkommetti ruhhom ghal xulxin. Dan jispjega ghaliex il-konvivenza matrimonjali ma damitx aktar minn sena u nofs.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt in kwantu bazata fuq id-dispost ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, da parti taz-zewg partijiet.

---

[4] Fol.90
[5] Fol.88
[6] Fol.87

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg taghhom kuntrattat fis-17 ta' Settembru 2005 bejn il-partijiet.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-partijiet konguntivament, fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------